Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/0085(COD)

20.5.2025

EMENDI
1 - 113

Abbozz ta' rapport
Marit Maij

Emenda tar-Regolament (UE) 2021/1057 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi

Proposta għal regolament
(COM(2025)0164 – C10-0064/2025 – 2025/0085(COD))

Emenda 1
Estrella Galán

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

(L-FSE+ ma jridx jiffinanzja miżuri ta' ħiliet jew impjiegi marbuta mas-settur tad-difiża. Il-Fond irid jibqa' impenjat għall-objettivi ċivili u soċjali tiegħu u ma għandux jingħata skop ġdid biex jilleġittimizza r-riformi relatati mad-difiża permezz ta' proċeduri ta' emerġenza. Filwaqt li nappoġġjaw id-dekarbonizzazzjoni, diġà espliċitament permessa u ffinanzjata mill-FSE+, aħna nirrifjutaw l-istrumentalizzazzjoni tiegħu biex jiġi ġġustifikat l-infiq fuq id-difiża u nisħqu li l-politika dwar il-klima teħtieġ dibattitu demokratiku regolari.)

Or. en

Emenda 2
Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Wara li kkunsidraw l-Opinjoni 02/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri,

Or. en

Emenda 3
Villy Søvndal
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa -1 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) L-objettiv ewlieni tal-FSE+ huwa li jappoġġja l-inklużjoni soċjali, il-koeżjoni soċjali u li jwettaq il-prinċipji u l-miri ewlenin tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali billi jappoġġja l-investimenti fin-nies u fis-sistemi fil-qasam ta' politika tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali.

Or. en

Emenda 4
Branislav Ondruš

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Minħabba l-avvenimenti ġeopolitiċi u ekonomiċi ewlenin li fasslu mill-ġdid xi wħud mill-prijoritajiet politiċi strateġiċi tal-Unjoni, jeħtieġ jiġu previsti possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jindirizzaw dawk l-isfidi strateġiċi u jiffokaw mill-ġdid ir-riżorsi tagħhom fuq prijoritajiet li għadhom kif ħarġu fid-dieher.	***imħassar***

Or. en

Emenda 5
Marie Dauchy, Nikola Bartůšek
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Minħabba l-avvenimenti ġeopolitiċi u ekonomiċi ewlenin li fasslu mill-ġdid xi wħud mill-prijoritajiet politiċi strateġiċi tal-Unjoni, jeħtieġ jiġu previsti possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jindirizzaw dawk l-isfidi strateġiċi u jiffokaw mill-ġdid ir-riżorsi tagħhom fuq prijoritajiet li għadhom kif ħarġu fid-dieher.	(1) Minħabba l-avvenimenti ġeopolitiċi u ekonomiċi ewlenin li fasslu mill-ġdid xi wħud mill-prijoritajiet politiċi strateġiċi tal-Unjoni, ***kif ukoll id-distakk sinifikanti bejn l-objettivi tal-fondi tal-FSE+ u t-tħassib reali tal-Istati Membri fil-mument tal-programmazzjoni għall-perjodu 2021-2027,*** jeħtieġ jiġu previsti possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jindirizzaw dawk l-isfidi strateġiċi u jiffokaw mill-ġdid ir-riżorsi tagħhom fuq prijoritajiet li għadhom kif ħarġu fid-dieher.

Or. fr

Emenda 6
Marit Maij, Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Evelyn Regner, Marc Angel, Idoia Mendia, Vilija Blinkevičiūtė, Aodhán Ó Ríordáin

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Minħabba l-avvenimenti ġeopolitiċi u ekonomiċi ewlenin li fasslu mill-ġdid xi wħud mill-prijoritajiet politiċi strateġiċi tal-Unjoni, jeħtieġ jiġu previsti possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jindirizzaw dawk l-isfidi strateġiċi u jiffokaw mill-ġdid ir-riżorsi tagħhom fuq prijoritajiet li għadhom kif ħarġu fid-dieher**.**	(1) Minħabba l-avvenimenti ġeopolitiċi u ekonomiċi ewlenin li fasslu mill-ġdid xi wħud mill-prijoritajiet politiċi strateġiċi tal-Unjoni, jeħtieġ jiġu previsti possibbiltajiet ***aktar strutturali*** għall-Istati Membri biex jindirizzaw dawk l-isfidi strateġiċi ***u l-ħtiġijiet ta' investiment tal-industriji*** u jiffokaw mill-ġdid ir-riżorsi tagħhom fuq prijoritajiet li għadhom kif ħarġu fid-dieher***, filwaqt li jissalvagwardjaw il-koeżjoni, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u l-preservazzjoni ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern;***

Or. en

Emenda 7
Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Minħabba l-avvenimenti ġeopolitiċi u ekonomiċi ewlenin li fasslu mill-ġdid xi wħud mill-prijoritajiet politiċi strateġiċi tal-Unjoni, jeħtieġ jiġu previsti possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jindirizzaw dawk l-isfidi strateġiċi u jiffokaw mill-ġdid ir-riżorsi tagħhom fuq prijoritajiet li għadhom kif ħarġu fid-dieher.	(1) Minħabba l-avvenimenti ġeopolitiċi u ekonomiċi ewlenin li fasslu mill-ġdid xi wħud mill-prijoritajiet politiċi strateġiċi tal-Unjoni, jeħtieġ jiġu previsti possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jindirizzaw dawk l-isfidi strateġiċi u jiffokaw mill-ġdid ir-riżorsi tagħhom fuq prijoritajiet li għadhom kif ħarġu fid-dieher ***f'każ li ma jkunx possibbli li jiġu indirizzati dawn l-isfidi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-programmi attwali***.

Or. en

Emenda 8
Brigitte van den Berg, Jana Toom, Hristo Petrov, Grégory Allione, Eugen Tomac

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Minħabba l-avvenimenti ġeopolitiċi u ekonomiċi ewlenin li fasslu mill-ġdid xi wħud mill-prijoritajiet politiċi strateġiċi tal-Unjoni, jeħtieġ jiġu previsti possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jindirizzaw dawk l-isfidi strateġiċi u jiffokaw mill-ġdid ir-riżorsi tagħhom fuq prijoritajiet li għadhom kif ħarġu fid-dieher.	(1) Minħabba l-avvenimenti ġeopolitiċi u ekonomiċi ewlenin li fasslu mill-ġdid xi wħud mill-prijoritajiet politiċi strateġiċi tal-Unjoni, jeħtieġ jiġu previsti possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jindirizzaw dawk l-isfidi strateġiċi u jiffokaw mill-ġdid ir-riżorsi tagħhom fuq prijoritajiet li għadhom kif ħarġu fid-dieher***, b'mod inklużiv***.

Or. en

Emenda 9
Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Skont l-Opinjoni 02/2025 tal-QEA, l-użu ripetut tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni biex jirrispondi għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza (eż. miżuri biex jiġu indirizzati kriżijiet tal-migrazzjoni jew emerġenzi oħra) jirriskja li jimmina l-objettiv primarju tal-politika ta' koeżjoni, li huwa li jitnaqqsu d-disparitajiet territorjali u tiġi promossa l-koeżjoni ekonomika u soċjali fl-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 10
Marit Maij, Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Evelyn Regner, Marc Angel, Idoia Mendia, Vilija Blinkevičiūtė, Aodhán Ó Ríordáin

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-għan ewlieni tal-FSE+ huwa li jappoġġja lill-Istati Membri u lir-reġjuni jiksbu l-inklużjoni soċjali u jiġi attivat is-suq tax-xogħol bit-twettiq tal-prinċipji u l-miri ewlenin tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li għadhom 'il bogħod milli jintlaħqu.

Or. en

Emenda 11
Marit Maij, Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Idoia Mendia, Vilija Blinkevičiūtė, Aodhán Ó Ríordáin

Proposta għal regolament
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jkomplu juru li jistgħu jirreaġixxu malajr għall-avvenimenti ġeopolitiċi u huma lesti li jużaw riżorsi finanzjarji suffiċjenti biex isaħħu l-industrija tad-difiża tagħna permezz ta' programmi Ewropej u nazzjonali differenti, li huwa pożittiv u meħtieġ għas-sigurtà tal-Unjoni. Huwa importanti li nsaħħu s-settur tad-difiża tagħna permezz tal-programmi tal-kompetittività. Fl-istess ħin, huwa tal-akbar importanza li nkomplu ninvestu fl-objettivi soċjali tal-Unjoni tagħna permezz tal-FSE+ peress li l-koeżjoni soċjali hija pedament tar-reżiljenza demokratika u soċjetali tagħna li hija essenzjali biex jiġi ffaċċjat it-theddid ta' aggressjoni.

Or. en

Emenda 12
Marit Maij, Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Idoia Mendia, Vilija Blinkevičiūtė, Aodhán Ó Ríordáin, Evelyn Regner

Proposta għal regolament
Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1c) Il-politika ta' koeżjoni trid tibqa' politika fit-tul, ibbażata fuq l-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 174 u 175 tat-TFUE. Il-politika ta' koeżjoni spiss tintuża bħala għodda ta' rispons ta' emerġenza, li jenħtieġ li ma tipperikolax l-objettivi ta' politika u ta' investiment fit-tul tal-politika ta' koeżjoni.

Or. en

Emenda 13
Branislav Ondruš

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[3] twitti t-triq għal unjoni Ewropea tad-difiża vera, inkluż billi tissuġġerixxi lill-Istati Membri jinvestu ħafna fid-difiża u fl-industrija tad-difiża. F'dak ir-rigward, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – l-Unjoni tal-Ħiliet tal-5 ta' Marzu 2025[4] ("il-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet") tistabbilixxi azzjonijiet biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi u n-nuqqasijiet fil-ħiliet fl-Unjoni, anke permezz tal-Inizjattiva Patt għall-Ħiliet imsemmija f'dik il-Komunikazzjoni, u s-sħubijiet fuq skala kbira tagħha, inkluż waħda dwar l-ekosistema tad-difiża. Għalhekk, jixraq li jiġu inklużi inċentivi għall-FSE + stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-ħiliet fl-industrija tad-difiża.	***imħassar***

[3] White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, 19.3.2025.

[4] COM (2025) 90 final

[5] Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1057/oj).

Or. en

Emenda 14
Grégory Allione, Brigitte van den Berg, Marie-Pierre Vedrenne

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[3] twitti t-triq għal unjoni Ewropea tad-difiża vera, inkluż billi tissuġġerixxi lill-Istati Membri jinvestu ħafna fid-difiża ***u*** fl-industrija tad-difiża. F'dak ir-rigward, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – l-Unjoni tal-Ħiliet tal-5 ta' Marzu 2025[4] ("il-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet") tistabbilixxi azzjonijiet biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi u n-nuqqasijiet fil-ħiliet fl-Unjoni, anke permezz tal-Inizjattiva Patt għall-Ħiliet imsemmija f'dik il-Komunikazzjoni, u s-sħubijiet fuq skala kbira tagħha, inkluż waħda dwar l-ekosistema tad-difiża. Għalhekk, jixraq li jiġu inklużi inċentivi għall-FSE + stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-ħiliet fl-industrija tad-difiża.	(2) ***Komplementari għar-Rapport Niinisto "Safer together: Strenghtening Europe's civilian and military Preparedness and Readiness"[2a] (Aktar Sikuri Flimkien: It-Tisħiħ tal-Preparatezza u l-Prontezza Ċivili u Militari tal-Ewropa) u l-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza[2b],*** il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[3] twitti t-triq għal unjoni Ewropea tad-difiża vera, inkluż billi tissuġġerixxi lill-Istati Membri jinvestu ħafna fid-difiża***, fid-difiża ċivili,*** fl-industrija tad-difiża***, u fit-teknoloġiji b'użu doppju, li jenħtieġ li jsir id f'id mal-infiq soċjali, il-ħolqien tal-impjieg u l-opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid***. F'dak ir-rigward, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – l-Unjoni tal-Ħiliet tal-5 ta' Marzu 2025[4] ("il-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet") tistabbilixxi azzjonijiet biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi u n-nuqqasijiet fil-ħiliet fl-Unjoni, anke permezz tal-Inizjattiva Patt għall-Ħiliet imsemmija f'dik il-Komunikazzjoni, u s-sħubijiet fuq skala kbira tagħha, inkluż waħda dwar l-ekosistema tad-difiża***, ir-rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifika u diplomi, il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, u inizjattivi fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiksbu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li titrawwem kooperazzjoni bejn l-atturi pubbliċi u privati, kif ukoll l-involviment attiv tas-sħab soċjali, inklużi t-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, sabiex jiġi żgurat tkabbir inklużiv u sostenibbli. Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jwettqu riprogrammazzjoni sinifikattiva u ġusta u***

jiffukaw ir-riżorsi fuq atturi strateġiċi, huwa xieraq li jiġu appoġġjati l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-istart-ups fir-rwol kruċjali tagħhom għall-innovazzjoni, id-dinamiżmu ekonomiku, u l-ħolqien tal-impjiegi, b'enfasi partikolari fuq it-tnaqqis tal-ostakli għall-parteċipazzjoni tagħhom u l-iffaċilitar tal-aċċess tagħhom għar-riżorsi u l-opportunitajiet. Għalhekk, jixraq li jiġu inklużi inċentivi għall-FSE+ stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-ħiliet ***u t-taħriġ*** fl-industrija tad-difiża ***ċivili u tad-difiża, filwaqt li jiġu rispettati l-istandards soċjali***.

[2a] Sauli Niinisto, Rapport: Safer Together – Strengthening Europe's Civilian and Military Preparedness and Readiness (Aktar Sikuri Flimkien: It-Tisħiħ tal-Preparatezza u l-Prontezza Ċivili u Militari tal-Ewropa).

[2b] KOMMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar l-Istrateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza, JOIN (2025) 130 final, 23.3.2025

[3] White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, 19.3.2025.

[4] COM (2025) 90 final

[5] Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1057/oj).

[3] White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, 19.3.2025.

[4] COM (2025) 90 final

[5] Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1057/oj).

Or. en

Emenda 15
Brigitte van den Berg, Jana Toom, Hristo Petrov, Grégory Allione, Eugen Tomac

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[3] twitti t-triq għal unjoni Ewropea tad-difiża vera, inkluż billi tissuġġerixxi lill-Istati Membri jinvestu ħafna fid-difiża ***u*** fl-industrija tad-difiża. F'dak ir-rigward, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – l-Unjoni tal-Ħiliet tal-5 ta' Marzu 2025[4] ("il-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet") tistabbilixxi azzjonijiet biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi u n-nuqqasijiet fil-ħiliet fl-Unjoni, ***anke*** permezz tal-Inizjattiva Patt għall-Ħiliet ***imsemmija f'dik il-Komunikazzjoni***, ***u s-sħubijiet*** fuq skala kbira ***tagħha***, inkluż waħda dwar l-ekosistema tad-difiża. Għalhekk, jixraq li jiġu inklużi inċentivi għall-FSE + stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-ħiliet fl-industrija tad-difiża.	(2) Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[3] twitti t-triq għal unjoni Ewropea tad-difiża vera, inkluż billi tissuġġerixxi lill-Istati Membri jinvestu ħafna fid-difiża***,*** fl-industrija tad-difiża***, u fit-teknoloġiji b'użu doppju, li jenħtieġ li jsir id f'id mal-infiq soċjali, il-ħolqien tal-impjieg u l-opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid***. F'dak ir-rigward, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – l-Unjoni tal-Ħiliet tal-5 ta' Marzu 2025[4] ("il-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet") tistabbilixxi azzjonijiet biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi u n-nuqqasijiet fil-ħiliet fl-Unjoni, permezz tal-Inizjattiva Patt għall-Ħiliet, ***is-sħubijiet*** fuq skala kbira, inkluż waħda dwar l-ekosistema tad-difiża***, ir-rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifika u diplomi, il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, u inizjattivi fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiksbu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li titrawwem kooperazzjoni bejn l-atturi pubbliċi u privati, kif ukoll l-involviment attiv tas-sħab soċjali, inklużi t-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, sabiex jiġi żgurat tkabbir inklużiv u sostenibbli. Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jwettqu riprogrammazzjoni sinifikattiva u ġusta u jiffukaw ir-riżorsi fuq atturi strateġiċi, huwa xieraq li jiġu appoġġjati l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-istart-ups fir-rwol kruċjali tagħhom għall-innovazzjoni, id-dinamiżmu ekonomiku, u l-ħolqien tal-impjiegi, b'enfasi partikolari fuq it-tnaqqis tal-ostakli għall-parteċipazzjoni tagħhom u l-iffaċilitar tal-aċċess tagħhom***

għar-riżorsi u l-opportunitajiet. Għalhekk, jixraq li jiġu inklużi inċentivi għall-FSE+ stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-ħiliet ***u t-taħriġ*** fl-industrija tad-difiża***, filwaqt li jiġu rispettati l-istandards soċjali***.

[3] White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, 19.3.2025.

[4] COM (2025) 90 final

[5] Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1057/oj).

[3] White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, 19.3.2025.

[4] COM (2025) 90 final

[5] Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1057/oj).

Or. en

Emenda 16
Villy Søvndal
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[3] twitti t-triq għal unjoni Ewropea tad-difiża vera, inkluż billi tissuġġerixxi lill-Istati Membri jinvestu ħafna fid-difiża u fl-industrija tad-difiża. F'dak ir-rigward, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – l-Unjoni tal-Ħiliet tal-5 ta' Marzu 2025[4] ("il-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet") tistabbilixxi azzjonijiet biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi u n-nuqqasijiet fil-ħiliet fl-Unjoni, anke permezz tal-Inizjattiva Patt għall-Ħiliet imsemmija f'dik il-Komunikazzjoni, u s-sħubijiet fuq skala kbira tagħha, inkluż	(2) Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[3] twitti t-triq għal unjoni Ewropea tad-difiża vera, inkluż billi tissuġġerixxi lill-Istati Membri jinvestu ħafna fid-difiża u fl-industrija tad-difiża. F'dak ir-rigward, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – l-Unjoni tal-Ħiliet tal-5 ta' Marzu 2025[4] ("il-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet") tistabbilixxi azzjonijiet biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi u n-nuqqasijiet fil-ħiliet fl-Unjoni, anke permezz tal-Inizjattiva Patt għall-Ħiliet imsemmija f'dik il-Komunikazzjoni, u s-sħubijiet fuq skala kbira tagħha, inkluż

waħda dwar l-ekosistema tad-difiża. ***Għalhekk***, ***jixraq li jiġu inklużi inċentivi għall-FSE*** + stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-ħiliet fl-industrija tad-difiża.

waħda dwar l-ekosistema tad-difiża. ***L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha qed jirreaġixxu għall-avvenimenti ġeopolitiċi u huma lesti li jużaw ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex isaħħu l-industrija tad-difiża tagħna permezz ta' programmi Ewropej u nazzjonali differenti. Huwa importanti li nsaħħu s-settur tad-difiża tagħna u fl-istess ħin inkomplu ninvestu fl-inklużjoni u l-koeżjoni soċjali tal-Unjoni tagħna permezz tal-FSE+***, ***u l-Istati Membri diġà jistgħu jużaw l-FSE+*** stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-ħiliet fl-industrija tad-difiża.

---

[3] White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, 19.3.2025.

[4] COM (2025) 90 final

[5] Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1057/oj).

[3] White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, 19.3.2025.

[4] COM (2025) 90 final

[5] Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1057/oj).

Or. en

Emenda 17
Marie Dauchy, Nikola Bartůšek
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Séverine Werbrouck, Rachel Blom

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ***Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[3] twitti t-triq għal unjoni Ewropea tad-difiża vera, inkluż billi tissuġġerixxi lill-Istati Membri***	(2) ***Il-bidliet ġeopolitiċi reċenti jfakkru lill-Istati Membri dwar il-ħtieġa li*** jinvestu ħafna ***u b'mod rapidu*** fid-difiża u fl-industrija tad-difiża. ***Dan il-qasam***, ***li***

jinvestu ħafna fid-difiża u fl-industrija tad-difiża. ***F'dak ir-rigward**, **il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – l-Unjoni tal-Ħiliet tal-5 ta' Marzu 2025[4] ("il-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet") tistabbilixxi azzjonijiet biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi u n-nuqqasijiet fil-ħiliet fl-Unjoni, anke permezz tal-Inizjattiva Patt għall-Ħiliet imsemmija f'dik il-Komunikazzjoni**, **u s-sħubijiet fuq skala kbira tagħha, inkluż waħda dwar l-ekosistema tad-difiża***. Għalhekk, jixraq li jiġu inklużi inċentivi għall-FSE + stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-ħiliet fl-industrija tad-difiża.

huwa ekonomikament profittabbli għall-Ewropej u jipprovdi ħafna impjiegi bi kwalifiki għoljin, jeħtieġ it-taħriġ ta' forza tax-xogħol kbira, b'mod partikolari f'teknoloġiji tal-ogħla livell. Il-programmi, l-azzjonijiet u s-sħubijiet iridu jagħtu prijorità għall-iżvilupp ta' dawn il-ħiliet fost il-popolazzjoni tal-Istati Membri, sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn dawn l-impjiegi stabbli u l-kwalifiki professjonali. Għalhekk, jixraq li jiġu inklużi inċentivi għall-FSE+ stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-ħiliet fl-industrija tad-difiża.

---

[3] White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, 19.3.2025.

[4] COM(2025) 90 final.

[5] Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013, ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21, ELI: https://data.europa.eu/eli/reg/2021/1057/oj).

Or. fr

Emenda 18
Marit Maij, Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Idoia Mendia, Vilija Blinkevičiūtė, Aodhán Ó Ríordáin

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[3] twitti t-triq għal unjoni Ewropea tad-difiża vera,	(2) ***Diġà huwa possibbli li jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-ħiliet fl-industrija tad-difiża fl-ambitu tal-FSE+ stabbilit bir-***

inkluż billi tissuġġerixxi lill-Istati Membri jinvestu ħafna fid-difiża u fl-industrija tad-difiża. F'dak ir-rigward, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – l-Unjoni tal-Ħiliet tal-5 ta' Marzu 2025[4] ("il-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet") tistabbilixxi azzjonijiet biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi u n-nuqqasijiet fil-ħiliet fl-Unjoni, anke permezz tal-Inizjattiva Patt għall-Ħiliet imsemmija f'dik il-Komunikazzjoni, u s-sħubijiet fuq skala kbira tagħha, inkluż waħda dwar l-ekosistema tad-difiża. ***Għalhekk, jixraq li jiġu inklużi inċentivi għall-FSE + stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-ħiliet fl-industrija tad-difiża.***

[3] White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, 19.3.2025.

[4] COM (2025) 90 final

[5] Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1057/oj).

Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[3] twitti t-triq għal unjoni Ewropea tad-difiża vera, inkluż billi tissuġġerixxi lill-Istati Membri jinvestu ħafna fid-difiża u fl-industrija tad-difiża. F'dak ir-rigward, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – l-Unjoni tal-Ħiliet tal-5 ta' Marzu 2025[4] ("il-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet") tistabbilixxi azzjonijiet biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi u n-nuqqasijiet fil-ħiliet fl-Unjoni, anke permezz tal-Inizjattiva Patt għall-Ħiliet imsemmija f'dik il-Komunikazzjoni, u s-sħubijiet fuq skala kbira tagħha, inkluż waħda dwar l-ekosistema tad-difiża.

[3] White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, 19.3.2025.

[4] COM (2025) 90 final

[5] Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1057/oj).

Or. en

Emenda 19
Maria Zacharia

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ***Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[3] twitti t-triq għal unjoni Ewropea tad-difiża vera, inkluż billi tissuġġerixxi lill-Istati Membri jinvestu ħafna fid-difiża u fl-industrija***	(2) ***F'konformità mal-impenn tal-Unjoni għall-paċi, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp sostenibbli, u f'konformità mal-objettivi tal-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-finanzjament tal-Unjoni fl-ambitu ta'***

tad-difiża. F'dak ir-rigward, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – l-Unjoni tal-Ħiliet tal-5 ta' Marzu 2025[4] ("il-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet") tistabbilixxi azzjonijiet biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi u n-nuqqasijiet fil-ħiliet fl-Unjoni, anke permezz tal-Inizjattiva Patt għall-Ħiliet imsemmija f'dik il-Komunikazzjoni, u s-sħubijiet fuq skala kbira tagħha, inkluż waħda dwar l-ekosistema tad-difiża. Għalhekk, jixraq li jiġu inklużi inċentivi għall-FSE + stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-ħiliet fl-industrija tad-difiża.

dan ir-Regolament ma għandux jappoġġja l-industrija tad-difiża, kwalunkwe attività relatata mal-iżvilupp, il-produzzjoni, l-akkwist, jew l-użu ta' kapaċitajiet militari, inkluż armi, munizzjon u sistemi ta' difiża. Il-finanzjament tal-FSE+ għandu jkun strettament limitat għall-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, l-impjiegi, l-edukazzjoni, l-iżvilupp tal-ħiliet, l-innovazzjoni soċjali, u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali.

---

[3] White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, 19.3.2025.

[4] COM (2025) 90 final

[5] Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1057/oj).

Or. en

Emenda 20
Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Huwa essenzjali li jiġi żgurat li kwalunkwe miżura meħuda fil-kuntest ta' emerġenzi tkun differenzjata kif xieraq u ma tinterferixxix mal-kisba tal-objettivi strutturali u strateġiċi tal-politika ta'

koeżjoni. Huwa mħeġġeġ li l-qafas regolatorju jinkludi salvagwardji li jipprevjenu ż-żarmar tal-missjoni ewlenija tal-politika ta' koeżjoni.

Or. en

Emenda 21
Marit Maij, Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Evelyn Regner, Marc Angel, Idoia Mendia, Vilija Blinkevičiūtė, Aodhán Ó Ríordáin

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Ir-reġjuni NUTS2 li jmissu mar-Russja, mal-Belarussja jew mal-Ukrajna huma affettwati b'mod sproporzjonat ħafna mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, u qegħdin jesperjenzaw telf ta' impjiegi, tnaqqis fl-attività ekonomika u l-esklużjoni soċjali minħabba inqas kuntatt bejn il-persuni.

Or. en

Emenda 22
Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) L-użu rikorrenti tar-riżorsi strutturali biex jirrispondu għall-emerġenzi jista' jimmina s-sostenibbiltà u l-effettività fit-tul tal-politika ta' koeżjoni billi jeskludi l-investimenti li, f'kundizzjonijiet normali, ikunu mmirati lejn it-trawwim ta' żvilupp ibbilanċjat bejn ir-reġjuni.

Or. en

Emenda 23
Elena Donazzan, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Chiara Gemma

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Diġà huwa possibbli li jiġi appoġġjat l-adattament tal-ħaddiema, l-intraprendituri u l-intrapriżi għall-bidla fl-ambitu tal-FSE+. Skont il-miżuri ta' dekarbonizzazzjoni proposti mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni tas-26 ta' Frar 2025[6] u biex jiġi ffaċilitat aktar l-aġġustament industrijali marbut mad-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi u l-prodotti tal-produzzjoni, fil-kuntest tal-objettiv li jiġu pprovduti opportunitajiet tul il-ħajja għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid b'mod regolari tan-nies, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet, inkluż permezz ta' Garanzija tal-Ħiliet li għadha kif ġiet proposta, jenħtieġ li l-FSE+ jiffaċilita l-għoti tal-ħiliet, iż-żamma tal-impjiegi u l-ħolqien tal-impjiegi matul il-proċess ta' dekarbonizzazzjoni billi jipprovdi flessibbiltajiet għall-implimentazzjoni.	***imħassar***

[6] COM (2025) 85 final

Or. en

Emenda 24
Brigitte van den Berg, Jana Toom, Hristo Petrov, Grégory Allione, Eugen Tomac

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Diġà huwa possibbli li jiġi appoġġjat l-adattament tal-ħaddiema, l-intraprendituri u l-intrapriżi għall-bidla fl-ambitu tal-FSE+. Skont il-miżuri ta' dekarbonizzazzjoni proposti mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni tas-26 ta' Frar 2025[6] u biex jiġi ffaċilitat aktar l-aġġustament industrijali marbut mad-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi u l-prodotti tal-produzzjoni, fil-kuntest tal-objettiv li jiġu pprovduti opportunitajiet tul il-ħajja għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid b'mod regolari tan-nies, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet, inkluż permezz ta' Garanzija tal-Ħiliet li għadha kif ġiet proposta, jenħtieġ li l-FSE+ jiffaċilita l-għoti tal-ħiliet, iż-żamma tal-impjiegi u l-ħolqien tal-impjiegi matul il-proċess ta' dekarbonizzazzjoni billi jipprovdi flessibbiltajiet għall-implimentazzjoni.	(3) Diġà huwa possibbli li jiġi appoġġjat l-adattament tal-ħaddiema, l-intraprendituri u l-intrapriżi għall-bidla fl-ambitu tal-FSE+. Skont il-miżuri ta' dekarbonizzazzjoni proposti mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni tas-26 ta' Frar 2025[6] u biex jiġi ffaċilitat aktar l-aġġustament industrijali marbut mad-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi u l-prodotti tal-produzzjoni, fil-kuntest tal-objettiv li jiġu pprovduti opportunitajiet tul il-ħajja għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid b'mod regolari tan-nies, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet, inkluż permezz ta' Garanzija tal-Ħiliet li għadha kif ġiet proposta, jenħtieġ li l-FSE+ jiffaċilita l-għoti tal-ħiliet, iż-żamma tal-impjiegi u l-ħolqien tal-impjiegi matul il-proċess ta' dekarbonizzazzjoni billi jipprovdi flessibbiltajiet għall-implimentazzjoni. ***Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni li mhix meħtieġa biss fid-dawl tal-objettivi diġitali u ekoloġiċi tal-Unjoni iżda wkoll li tkun soċjalment ekwa, huwa essenzjali li l-proċess ikun ġust u inklużiv. Jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni partikolari għall-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tar-reġjuni inqas żviluppati. Dawn ir-reġjuni u l-popolazzjonijiet tagħhom jenħtieġ li jkunu involuti b'mod attiv fit-tranżizzjoni, u jibbenefikaw minnha, u b'hekk tiġi żgurata l-integrazzjoni sħiħa tagħhom fit-trasformazzjoni ekonomika, soċjali u ambjentali usa' tal-Unjoni.***
[6] COM (2025) 85 final	[6] COM (2025) 85 final

Or. en

Emenda 25
Marie Dauchy, Nikola Bartůšek
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Séverine Werbrouck, Rachel Blom

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Diġà huwa possibbli li jiġi appoġġjat l-adattament tal-ħaddiema, l-intraprendituri u l-intrapriżi għall-bidla fl-ambitu tal-FSE+. ***Skont il-miżuri ta' dekarbonizzazzjoni proposti mill-Komunikazzjoni*** tal-Kummissjoni **– *il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni tas-26 ta' Frar 2025[6] u biex jiġi ffaċilitat aktar l-aġġustament industrijali marbut mad-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi u l-prodotti tal-produzzjoni,*** fil-kuntest tal-objettiv li jiġu pprovduti opportunitajiet tul il-ħajja għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid b'mod regolari tan-nies, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet, inkluż permezz ta' Garanzija tal-Ħiliet li għadha kif ġiet proposta, jenħtieġ li l-FSE+ jiffaċilita l-għoti tal-ħiliet, iż-żamma tal-impjiegi u l-ħolqien tal-impjiegi ***matul il-proċess ta' dekarbonizzazzjoni*** billi jipprovdi flessibbiltajiet għall-implimentazzjoni.	(3) Diġà huwa possibbli li jiġi appoġġjat l-adattament tal-ħaddiema, l-intraprendituri u l-intrapriżi għall-bidla fl-ambitu tal-FSE+. ***Id-diffikultajiet li jiffaċċjaw l-industriji Ewropej huma fil-biċċa l-kbira attribwibbli għall-għażliet politiċi*** tal-Kummissjoni ***Ewropea, u b'mod partikolari l-Patt Ekoloġiku, li jimponi qafas normattiv punittiv għall-industrija tagħna, b'xi drabi jhedded l-eżistenza proprja ta' dawn l-intrapriżi fis-settur u l-impjiegi u l-ħiliet assoċjati magħhom;*** Fil-kuntest tal-objettiv li jiġu pprovduti opportunitajiet tul il-ħajja għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid b'mod regolari tan-nies, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet, inkluż permezz ta' Garanzija tal-Ħiliet li għadha kif ġiet proposta, jenħtieġ li l-FSE+ jiffaċilita l-għoti tal-ħiliet, iż-żamma tal-impjiegi u l-ħolqien tal-impjiegi ***fl-industriji, b'mod partikolari fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija fit-territorju Ewropew,*** billi jipprovdi flessibbiltajiet għall-implimentazzjoni.

_____

[6] COM(2025) 85 final.

Or. fr

Emenda 26
Marit Maij, Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Evelyn Regner, Marc Angel, Idoia Mendia, Vilija Blinkevičiūtė, Aodhán Ó Ríordáin

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Diġà huwa possibbli li jiġi appoġġjat l-adattament tal-ħaddiema, l-intraprendituri u l-intrapriżi għall-bidla fl-ambitu tal-FSE+. Skont il-miżuri ta' dekarbonizzazzjoni proposti mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni tas-26 ta' Frar 2025[6] u biex jiġi ffaċilitat aktar l-aġġustament industrijali marbut mad-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi u l-prodotti tal-produzzjoni, fil-kuntest tal-objettiv li jiġu pprovduti opportunitajiet tul il-ħajja għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid b'mod regolari tan-nies, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet, inkluż permezz ta' Garanzija tal-Ħiliet li għadha kif ġiet proposta, jenħtieġ li l-FSE+ jiffaċilita l-għoti tal-ħiliet, iż-żamma tal-impjiegi u l-ħolqien tal-impjiegi matul il-proċess ta' dekarbonizzazzjoni billi jipprovdi flessibbiltajiet għall-implimentazzjoni.	(3) Diġà huwa possibbli li jiġi appoġġjat l-adattament tal-ħaddiema, l-intraprendituri u l-intrapriżi għall-bidla fl-ambitu tal-FSE+. Skont il-miżuri ta' dekarbonizzazzjoni proposti mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni tas-26 ta' Frar 2025[6] u biex jiġi ffaċilitat aktar l-aġġustament industrijali marbut mad-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi u l-prodotti tal-produzzjoni, fil-kuntest tal-objettiv li jiġu pprovduti opportunitajiet tul il-ħajja għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid b'mod regolari tan-nies, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet, inkluż permezz ta' Garanzija tal-Ħiliet li għadha kif ġiet proposta, jenħtieġ li l-FSE+ jiffaċilita l-għoti tal-ħiliet, iż-żamma tal-impjiegi u l-ħolqien tal-impjiegi ***ta' kwalità*** matul il-proċess ta' dekarbonizzazzjoni billi jipprovdi flessibbiltajiet għall-implimentazzjoni.
[6] COM (2025) 85 final	[6] COM (2025) 85 final

Or. en

Emenda 27
Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) huwa pilastru essenzjali tal-politika ta' koeżjoni, li l-objettiv primarju tagħha huwa li tippromwovi l-inklużjoni soċjali, l-ekwità fl-impjiegi u t-tnaqqis tad-disparitajiet territorjali.

Or. en

Emenda 28
Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Minkejja l-inkorporazzjoni ta' prijoritajiet strateġiċi ġodda fil-livell tal-UE, huwa essenzjali li l-FSE+ ma jiddevjax mill-missjoni soċjali tiegħu, li jenħtieġ li tibqa' l-orjentazzjoni bażika biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tat-territorji u tal-komunitajiet tagħhom.

Or. en

Emenda 29
Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Premessa 3c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3c) Ir-riprogrammazzjoni tar-riżorsi fl-ambitu tal-FSE+ jenħtieġ li tiżgura li l-miżuri ta' aġġustament b'rispons għall-isfidi strateġiċi ma jimminawx l-approċċ territorjali u soċjali tiegħu, iżda pjuttost isaħħu l-kapaċità tiegħu li jiġġieled l-inugwaljanza u jippromwovi żvilupp ibbilanċjat.

Or. en

Emenda 30
Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Premessa 3d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3d) L-integrazzjoni xierqa ta' miżuri addizzjonali jew flessibbiltajiet finanzjarji hija essenzjali biex tiġi ssalvagwardjata l-essenza soċjali tal-FSE+, filwaqt li jiġi żgurat li l-investiment fi prijoritajiet ġodda ma jwassalx għaż-żarmar tar-rwol koeżiv tal-politika u ma jirriżultax f'trasferiment ta' riżorsi lejn interessi purament strateġiċi.

Or. en

Emenda 31
Brigitte van den Berg, Jana Toom, Hristo Petrov, Grégory Allione, Eugen Tomac

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Permezz tal-FSE+, diġà huwa possibbli li jiġu appoġġjati investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-"Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa" (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform) stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] li għandha l-għan li ssaħħaħ it-tmexxija teknoloġika tal-Unjoni. Sabiex jiġu inċentivati aktar investimenti mill-FSE+ f'dawk l-oqsma kritiċi, jenħtieġ li tiġi estiża l-possibbiltà li l-Istati Membri jirċievu prefinanzjament ogħla għall-emendi tal-programm relatati.	(4) Permezz tal-FSE+, diġà huwa possibbli li jiġu appoġġjati investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-"Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa" (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform) stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] li għandha l-għan li ssaħħaħ it-tmexxija teknoloġika tal-Unjoni ***u l-iżvilupp tal-ħiliet***. Sabiex jiġu inċentivati aktar investimenti mill-FSE+ f'dawk l-oqsma kritiċi, jenħtieġ li tiġi estiża l-possibbiltà li l-Istati Membri jirċievu prefinanzjament ogħla għall-emendi tal-programm relatati.
[7] Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP"), u li jemenda d-Direttiva	[7] Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP"), u li jemenda d-Direttiva

2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj)	2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj)

Or. en

Emenda 32
Brigitte van den Berg, Jana Toom, Hristo Petrov, Grégory Allione, Eugen Tomac

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi kritiċi tat-trawwim tal-innovazzjoni u l-protezzjoni tal-għarfien biex jissaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li l-Istati Membri jippromwovu l-kollaborazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet li jaħdmu għall-ħolqien u l-adozzjoni tal-ħiliet, bħall-istituzzjonijiet vokazzjonali, akkademiċi u tar-riċerka, u l-industriji. Tali kollaborazzjoni hija essenzjali għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda u għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, biex b'hekk jiġi żgurat li l-UE tibqa' fuq quddiem nett tal-innovazzjoni globali.

Or. en

Emenda 33
Marit Maij, Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Evelyn Regner, Marc Angel, Idoia Mendia, Vilija Blinkevičiūtė, Aodhán Ó Ríordáin

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-FSE+ jikkontribwixxi għall-objettiv speċifiku li jippermetti lir-reġjuni u lin-nies jindirizzaw l-impatti soċjali, l-impjiegi, ekonomiċi u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 dwar l-enerġija u l-klima u ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, abbażi tal-Ftehim ta' Pariġi.

Or. en

Emenda 34
Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex l-Istati Membri jkunu ***jistgħu*** jwettqu riprogrammazzjoni sinifikanti u jiffukaw ir-riżorsi fuq il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni stabbiliti fil-premessi 2, 3 u 4 mingħajr ma jikkawżaw aktar dewmien fl-implimentazzjoni, ***jixraq li jiġu previsti*** aktar flessibbiltajiet. Ir-rieżami ta' nofs it-terminu ***jenħtieġ li jservi*** bħala opportunità biex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi emerġenti u prijoritajiet ġodda, ***għalhekk jenħtieġ*** li ***l-Istati*** Membri ***jibbenefikaw minn*** żmien addizzjonali biex ilestu l-valutazzjoni ***tal-eżitu tar-rieżami*** ta' ***nofs it-terminu*** u ***l-preżentazzjoni tal-emendi tal-programm relatati***.	(5) Sabiex l-Istati Membri jkunu ***permessi*** jwettqu riprogrammazzjoni sinifikanti u jiffukaw ir-riżorsi fuq il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni stabbiliti fil-premessi 2, 3 u 4 mingħajr ma jikkawżaw aktar dewmien fl-implimentazzjoni, ***hemm bżonn ta'*** aktar flessibbiltajiet. Ir-rieżami ta' nofs it-terminu ***huwa ppreżentat*** bħala opportunità biex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi emerġenti u prijoritajiet ġodda, li ***jippermetti lill-Istati*** Membri żmien addizzjonali biex ilestu l-valutazzjoni ***tal-prestazzjoni tagħhom u jissotomettu emendi programmatiċi xierqa. Madankollu, huwa imperattiv li titqajjem il-mistoqsija dwar jekk l-iffukar tal-isforzi fuq id-definizzjoni mill-ġdid tal-prijoritajiet fil-livell tal-UE jirriskjax li jżarma l-essenza proprja tal-politika ta' koeżjoni, li hija bbażata fuq l-indirizzar tal-prijoritajiet u l-ħtiġijiet speċifiċi tat-***

